Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 115/2023**

**Il-Ġimgħa, 24 ta' Frar, 2023**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:15pm.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali tal-Fontana |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali ta' Għajnsielem |
| Is-Sur David Apap Agius | Kunsill Lokali tal-Għarb |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali ta' Kerċem |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali tal-Munxar |
| Is-Sur Paul Buttiġieġ | Kunsill Lokali tal-Qala |
| Dr Christian Zammit | Kunsill Lokali tax-Xagħra |
| Dr Marlene Cini | Kunsill Lokali taż-Żebbuġ |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Edward Said | Kunsill Lokali tan-Nadur |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Daniel Attard | Kunsill Lokali tal-Għasri |
| Is-Sur Noel Formorsa | Kunsill Lokali ta' San Lawrenz |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali ta' Sannat |
| Is-Sur Hubert Saliba | Kunsill Lokali tax-Xewkija |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Karl Vella | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv (ADSE) |

**Minuti**
Il-President Dr Samuel Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

**115.1 Talba**

115.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

**115.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

115.2.1 L-ADSE ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji rispettivi.

115.2.2 L-ADSE informa lill-membri li ma kienx laħaq ipprepara l-Minuti tal-laqgħa preċedenti (114) minħabba l-ammont kbir ta' xogħol rikjest mill-awdituri interni.

**115.3 Komunikazzjoni tal-President**

115.3.1 Peress li l-impjegati li qegħdin jieħdu ħsieb ix-xogħol relatat mal-immaniġjar tal-ġbir ta' skart ma humiex imħarġa fl-accounts u ma jafux jużaw is-Sage, intalbet stima lill-accountant tal-Kunsill sabiex hu jagħmel il-bookkeeping għax-xogħol relatat mal-ġbir ta' skart. L-istima tammonta għal €400 (excl VAT) fix-xahar. Il-membri qablu li din l-istima tiġi approvata b'mod temporanju sakemm l-impjegati jingħataw it-taħriġ neċessarju.

115.3.2 ECAD – Din is-sena ser issir konferenza ġewwa Malta bejn il-11 u 12 ta' Mejju. Aktar informazzjoni tingħata aktar il-quddiem mill-AKL.

115.3.3 Bejn is-7 u 9 ta' Marzu ser tiġi organizzata laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex ma' delegazzjoni ta' Sindki Taljani. It-tema ta' din il-laqgħa ser jitratta d-djaletti u l-importanza tal-ipreservar tagħhom. Aktar dettalji jingħataw il-quddiem.

115.3.4 Saret it-tnedija tal-Festival tal-Letteratura. Il-President informa li din l-inizjattiva intlaqgħet tajjeb. L-attivita ser tittella' fl-1 u t-2 t'April.

115.3.5 IGCAT – Il-President informa lill-membri li hu kien kellem lil rappreżentanti tal-GRDA, GBC, GTA, NGO Assocation, Gozo College, UoM, u ITS, u kollha urew interess li jipparteċipaw.

115.3.6 ECOC – Il-President spjega li hu nfurmat li l-applikanti għal dan il-premju jridu jħalsu l-ispejjeż relatati mat-tħejjija tal-Bid Book mill-allokazzjoni tagħhom. Għaldaqstant, hu ser ikun qiegħed jitlob laqgħa mal-Ministru Dr Owen Bonnici sabiex jiġu kjarifikati xi punti.

115.3.7 CT4003/2022 – Il-President informa lill-membri li din l-offerta għax-xiri ta' post amministrativ għall-Kunsill Reġjonali, kienet ġiet evalwata mid-Dipartiment tal-Kuntratti u ntgħażlet l-offerta tal-aħwa Cilia fi Triq Palma, ir-Rabat. Il-valur ta' din l-offerta jammonta għal €583,000 (exc VAT). Wara li saret diskussjoni fuq il-materja, il-membri qablu li l-Kunsill għandu joqgħod fuq ir-rakkomandazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

**115.4 Korrispondenza**

115.4.1 Fontana LC – Ħsara kkawżata mill-maltempata f'Novembru tammonta għal €75. Peress li l-ammont hu żgħir sar qbil li dan jitħallas.

115.4.2 TriGozo – B'referenza għal punt 114.4.2, saret talba għal għajnuna finanzjara (5 tiġrijiet jammontaw għal madwar €10,000). Il-membri qablu li għandha tingħata għajnuna finanzjara sa massimu ta' €2,000.

115.4.3 AKL – Ġejna mitluba ninfurmaw jekk il-Kunsill hux ser iġedded il-Membership tal-ACR Association of Cities and Regions for Sustainable Resource Management. Din tammonta għal €2,770 u ser tinqasam bejn il-Kunsilli Reġjonali li jiddeċiedu li jipparteċipaw. Il-membri qablu li din għanda tiġġedded.

115.4.4 Sannat LC – Talba sabiex il-fondi taħt l-Iskema Kulturali 2021 li ħareġ il-Kunsill jiġu utilizzati għal attivita' oħra kulturali. Il-membri qablu.

115.4.5 Għasri LC – Rikjesta biex il-bilanċ pendenti taħt l-Iskema Kulturali 2021 jintuża għal attivijatiet oħra li jaqgħu taħt l-istess skema. Il-membri qablu.

115.4.6 Kunsill Reġjonali Punent – Rotta Dei Fenici: Qed jipproponu li l-Kunsilli Reġjonali kollha jikkolaboraw sabiex nissieħbu fir-Rotta dei Fenici. Din ir-rotta ġiet kreata fl--2011 u fiha numru ta' entitatijiet f'setturi u f'pajjiżi differenti (Mediterranji, Ewropej, mill-Afrika ta' Fuq, u mil-Lvant Nofsani). L-iskop ta' din ir-rotta hi li tgħaqqad lil dawn il-pajjiżi li jaqsmu storja simili. Il-membri qablu li nissieħbu.

115.4.7 Project Green – Community Greening Grant – opportunita' għal fondi fuq proġetti ta' natura ambjentali. It-total ta' fondi allokati taħt din l-iskema hu ta' €10 miljuni. Il-membri lmentaw li ż-żmien kien qasir wisq sabiex il-Kunsilli Lokali kienu f'pożizzjoni li japplikaw.

115.4.8 Skema Latrini – Il-Kunsilli li applikaw sabiex jingħataw għajnuna finanzjara rigward din l-iskema huma dawk tal-Għarb, ta' Kercem, tal-Fontana, tax-Xewkija, tar-Rabat, u taż-Żebbuġ. Din l-iskema ser tippermetti li fil-lokalitajiet magħżula jiġu ntrodotti latrini pubbliċi b'sistemi ta' tindif awtomatiċi bl-użu tal-aħħar teknoloġija disponibbli. L-ADSE semma ftit mill-kundizzjonijiet li l-Kunsilli jridu jżommu magħhom sabiex ikunu jistgħu jingħataw il-fondi. Hu ser ikun qiegħed jgħaddi d-dokumenti li jirrelataw ma' din l-iskema lill-Kunsilli Lokali parteċipanti.

**115.5 <u>Materji oħra</u>**

115.5.1 GRDF – Il-membru Dr Christian Zammit (Sindku tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra) saqsa jekk kienx hemm xi żviluppi rigward il-GRDF. Il-President infurmah illi meta jitlesta l-proġett (MedSnail) li jaqgħa taħt din il-fondazzjoni, din ser tiġi xolta.

115.5.2 Skart Domestiku – Wara li issa bdew jintbagħtu l-kontijiet tax-xahar ta' Jannar 2023, diversi membri saqsew jekk l-allokazzjoni tagħhom hiex ser tkopri l-ispiża tal-ġbir tal-iskart. Il-President informa lill-membri li l-allokazzjoni għandha tkun suffiċjenti, pero il-Kunsilli Lokali jridu jagħmlu kampanji edukattivi sabiex ir-residenti jirreċiklaw aktar. Aktar ma jsir reċiklar, aktar titnaqqas l-ispiża għall-Kunsilli Lokali. Il-President informa ukoll li l-ERA ser ikunu qed jagħmlu spezzjonijiet u jwaħħlu l-multi. Xi membri lmentaw li mhux jinġabar l-iskart kollu. Il-President talab sabiex meta jkun hemm xi lmenti dawn jintbagħtu immedjatament lill-uffiċjal responsabli sabiex tkun tista tittieħed azzjoni kemm jista' jkun malajr.

115.5.3 Tender tal-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq – Il-President irrakkomanda li l-Bord tal-Evalwazzjoni jkun kompost minn: Chairperson: William Sultana; Secretary: Heidi Grech; Evaluators: Ing Mario Cauchi, Ing Jeffrey Muscat, Ryan Debrincat; u Contract Manager: Fabian Galea. Il-membri qablu. Diversi membri lmentaw fuq is-servizz eżistenti minħabba d-dewmien biex il-ħsara tissolva. Huma saħqu li jekk ma ssirx il-manutenzjoni fiż-żmien stipulat il-kuntrattur għandu jiġi mmultat.

115.5.4 L-ADSE nforma lill-membri li t-talba lid-DLG għal-€50,000 għajnuna annwali saret u d-Direttur Ġenerali kien ta struzzjonijiet sabiex dawn il-flus jintbagħtu fil-kont bankarju tal-Kunsill dalwaqt.

115.5.5 Membru Mario Azzopardi (Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Kerċem) – xtaq jgħaddi l-messaġġ lill-membri sabiex iħalsu l-membership fee tal-GAGF.

115.5.6 Il-membru s-Sur Saviour Borg (Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Fontana) informa lill-membri li meta hu ressaq il-proposta sabiex il-Kunsill Lokali tal-Fontana jipparteċipa fl-iskema tal-Latrini Awtomatiċi maħruġa mid-Diviżżjoni tal-Gvern Lokali u amministrata mill-Kunsill Reġjonali, il-membri tal-Kunsill Lokali tal-Fontana ħadu vot u tali proposta ma ġietx approvata. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali tal-Fontana ma humiex ser jipparteċipaw taħt din l-iskema.

**115.6 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti</u>**

115.6.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 23/03 li kienet tammonta għal €165,574.38.

**115.7 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss</u>**

115.7.1 Il-Laqgħa ntemmet fit-7.30p.m. ta' filgħaxija u ġiet aġġornata *sine die*.

Dr. Samuel Azzopardi
President

Karl Vella
Agent Deputat Segretarju Eżekuttiv